# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 8**

2 ta' Ottubru 2019

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP) | Kunsillier |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Kunsillier |

SKUŻAT:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Gail Demanuele | ( GD ) | Viċi Sindku |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 8.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

8.1.1. Is-Sindku DSH ressqet ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku GD li nfurmat li ma setgħetx tattendi minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Kunsill laqa' l-ittra t'apoloġija.

### 8.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

8.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tar-raba' (04) laqgħa tal-Kunsill miżmuma fit-2 ta' Settembru 2019 li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

8.2.2. Il-Kunsillier VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (VB, JAE, DSH, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

8.2.3. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-ħames (05) laqgħa tal-Kunsill miżmuma fil-5 ta' Settembru 2019 li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija. Is-Sindku nfurmat li għal din il-laqgħa ma kienx hemm kworum u għalhekk ma setax jittieħed vot fuq dawn il-minuti.

8.2.4. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tas-sitt (06) laqgħa tal-Kunsill miżmuma fis-6 ta' Settembru 2019 li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

8.2.5. Il-Kunsillier JAE ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier VB favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (JAE, VB, DSH, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

8.2.6. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-laqgħa pubblika tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

8.2.7. Il-Kunsillier JAE ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsilliera JP favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (JAE, JP, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (VB)

8.2.8. Il-Kunsillier VB iddikjara li r-raġuni għalfejn kien qed jastjeni kienet minħabba li ma kienx preżenti għal din il-laqgħa.

8.2.9. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tas-seba' (07) laqgħa tal-Kunsill miżmuma fit-30 ta' Settembru 2019 li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

8.2.10. Il-Kunsillier VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (VB, JAE, DSH, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

8.2.11. Is-Sindku għamlet riferenza għal talba li saret f'laqgħa preċedenti u staqsiet jekk il-Kunsill jaqbilx li jitneħħa spazju ta' parkeġġ minn madwar il-bini tal-eks Island Sound għas-sigurtà tar-residenti. Il-Kunsill qabel li jitneħħa spazju ta' parkeġġ wieħed fuq kull naħa tal-kantuniera u minfloku jsiru linji sofor u dan sakemm issir il-kostruzzjoni meħtieġa u l-post jerġa' jiġi sigur. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jinforma lill-gwardjani lokali u jitlob iktar infurzar.

8.2.12. Is-Sindku għamlet riferenza għall-offerta ta' bins għas-sigaretti u qalet li wara li s-SE tkellmet mar-Reġjun Xlokk, huma nformaw li l-Kunsill għandu jinformahom biss bl-ammont li jirrikjedi u l-purchase order għandha tinħareġ iktar tard meta jkun mitlub mir-Reġjun.

8.2.13. Il-Kunsillier VB għamel riferenza għat-talba tal-Malta Properties u qal li wara li niżel fuq il-post, kien innota li ftit l' isfel kien hemm daħla oħra b'aċċess għall-persuni b'diżabilità. Għalhekk il-Kunsill ma qabilx li għandu jilqa' din it-talba ladarba diġà kien hemm aċċess.

8.2.14. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 4.3.4 u staqsa kienx hemm xi forma ta' tweġiba mill-Avukat rigward il-Fosos. Is-Sindku nformat li l-materja ser tiġi diskussa iktar tard matul il-laqgħa

8.2.15. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 4.5.4 u staqsa jekk kienx hemm xi risposta rigward il-materja tat-tniġġis fil-Port il-Kbir. Is-Sindku nformat li l-Kunsillier VB kellu rapport dwar dan li ser jiġi mressaq iktar tard matul il-laqgħa.

## 8.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

8.3.1. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza dwar Food Chain Ltd. fejn talbu li ssir un/loading bay quddiem l-istores tagħhom f'Xatt Pinto. Il-Kunsillier VB qal li huma ma kienux eliġibbli skont il-linji gwida ta' Transport Malta. Huwa kien diġà talab prova li fil-garage qed tiddaħħal vettura. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

8.3.2. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għal talba għal un/loading bay minn sid ta' guesthouse fi Triq il-Kapuċċini. Is-Sindku qalet li hi ma taqbilx ma' din it-talba anke jekk il-linji gwida ta' Transport Malta jispeċifikaw li dan jista' jsir. Hija qalet li fl-istess inħawi diġà kien hemm erba' guesthouses u B & B's u speċifikament ma jistax ikun li l-lokalità timtela' bl-

un/loading bays għalihom. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill joġġezzjona għal din it-talba u għal talbiet li jsiru iktar un/loading bays. Il-Kunsillier JAE qal li diġà kien hemm numru sostanzjali u li l-lokalità ma kienitx tiflaħ għal aktar. Is-Sindku qalet li b'din ir-rata mhux ser jifdal spazju għar-residenti. Il-Kunsillier JAE qal li l-problema ma kienitx għadha l-uffiċini iżda saret il-boutique hotels u bini turistiku ieħor u għalhekk wieħed irid jara x'jista' jsir għall-ġid tar-residenti. Il-Kunsill qabel li għandu joġġezzjona għal dawn it-talbiet a bażi ta' dawn ir-raġunijiet.

8.3.3. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Avukat tal-Kunsill fejn issuġġerixxa li l-Kunsill jikkonferma l-ġurisdizzjoni tal-Fosos billi jikteb lil min hu responsabbli. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob laqgħa mal-Onorevoli Ministru Dr Owen Bonnici u mal-Onor. Segretarju Parlamentari Silvio Parnis li huma responsabbli mill-Gvern Lokali, dwar dan.

8.3.4. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-kwistjoni ta' ammonti dovuti minn żewġ kumpaniji li installaw street adverts fil-lokalità tal-Floriana. Is-Sindku qalet li waħda mill-kumpaniji kienet naqset milli tikkomunika mal-Kunsill u għalhekk ipproponiet li tintbagħat ittra legali. Il-Kunsill qabel.

8.3.4.1. Is-Sindku għamlet riferenza għall-kumpanija l-oħra fejn qalet li wara snin li l-Kunsill prova jiltaqa' magħhom, finalment kien hemm korrispondenza bejn rappreżentant tal-kumpanija u bejn il-Kunsill. Hija qalet ukoll li ġie nnotat li l-ġimgħa ta' qabel din l-istess kumpanija installat street adverts biswit l-entratura tal-parking iż-żgħir ta' mal-Fosos. Hija semmiet li xi snin ilu kien hemm street adverts li l-Kunsill ta' dak iż-żmien kien qala' mill-istess post għal raġunijiet ta' sigurtà kemm għall-vetturi kif ukoll għall-pubbliku miexi f'dik il-biċċa. Is-Sindku qalet li kienet ikkorrispondiet mar-rappreżentant u qalet li l-Kunsill ma jistax ikun responsabbli għal kwalunkwe danni li jistgħu jirriżultaw minħabba l-installazzjoni ta' dawn l-imsemmija street adverts. B'hekk, il-Kunsill qabel li jinforma lir-rappreżentant tal-kumpanija sabiex dawn ir-riklami jinqalgħu sa nhar it-Tnejn 7 t'Ottubru 2019 u f'każ li jonqos milli jagħmel dan, kienu ser jinqalgħu mill-Kunsill stess a spejjeż tal-kumpanija. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jinforma lill-kumpanija li ma jistgħux jiġu installati street adverts qabel ma jkun hemm l-approvazzjoni mill-Kunsill. Nel frattemp il-Kunsill qabel ukoll li għandu joħroġ fatturi għall-bilanċi dovuti matul dawn l-aħħar snin u li ladarba jitħallas il-bilanċ pendenti ser jikkunsidra il-ftehim li hemm.

8.3.5. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Avukat tal-Kunsill rigward il-bye-law tal-projbizzjoni tal-konsum tal-alkoħol fit-toroq tal-Floriana. Il-Kunsillier VB ssuġġerixxa li l-ħwienet fil-lokalità għandhom jinformaw lill-klijenti tagħhom li mhumiex permessi joħorġu bil-fliexken tal-ħġieġ barra. Is-Sindku ssuġġeriet li fil-bye-law jkun permess xorb minn fliexken tal-ħġieġ fil-periferija tal-istess bars. Is-Sindku qalet ukoll li fid-dawl li d-Detox ser jiġi rilokat bejn il-Ħamrun u l-Floriana, hemm bżonn li jsir xi ħaġa biex jiġi salvagwardjat il-benessere tar-residenti. Il-Kunsillier JAE issuġġerixxa li s-sidien tal-ħwienet jintalbu jagħmlu sinjali li juru l-periferija tal-bar li jkun fih u li jekk il-klijent joħroġ il-barra minnhom bil-fliexken tal-ħġieġ jista' jaqla' multa. Is-Sindku qalet li wara kollox is-sidien tal-bars għandhom responsabbiltà meta jinqala' aċċident minn nies li jkunu qed jixorbu għandhom. Hija qalet li anke fid-dawl tal-boutique hotels li qed jiftħu fil-Floriana, kollox jiġġenera ammont ta' alkoħol li qed jiġi ikkonsmat għandhom.

8.3.6. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-kwistjoni tal-iscaffolding armat mal-bini tal-Kurja. Il-Kunsill qabel li għandu jitqabbad Perit biex jagħmel rapport li dan l-iscaffolding kien ta' żgombru u jintalab ukoll jieħu ritratti.

8.3.7. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li kien hemm bżonn li tittieħed board resolution biex tkun tista' tinbidel il-BOV secure key għal fuq is-Sindku u biex is-Sindku tiġi mniżżla bħala system administrator. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

8.3.8. Is-Sindku għamlet riferenza għall-bżonn li tinxtara vettura oħra għall-Kunsill peress li dik preżenti qed ikollha ħsara frekwenti u qed tieqaf b'mod regolari. Hija qalet li kienet intalbet kwotazzjoni sabiex tinġieb vettura ġdida permezz ta' lease iżda din kienet ġiet tammonta għal madwar €5000 fis-sena. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jitlob kwotazzjonijiet għal vettura second hand li tkun adattata għall-bżonnijiet tal-Kunsill.

8.3.9. Is-Sindku DSH talbet lill-kunsillieri sabiex kull xahrejn jibda' jiġi preżentat rapport dwar ħidmiethom individwalment. Il-Kunsill qabel li l-ewwel rapport għandu jiġi ppreżentat fil-laqgħa pubblika li ser tinżamm f'Diċembru li ġej.

8.3.10. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għad-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill fuq il-ħinijiet ġodda tal-uffiċċju. Il-Kunsill kien diġà avża uffiċjalment lir-residenti bil-bidla fil-ħinijiet permezz ta' flyer li tqassam qabel inżammet il-Laqgħa Pubblika.

8.3.11. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għas-sitwazzjoni tal-latrini fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V u qalet li kienet informata li l-pajp tad-drenaġġ f'xi liwja kien instadd. Hija qalet li kienet talbet lill-Perit sabiex il-Kunsill jara x'jista' jsir filwaqt li tinżamm laqgħa bejn il-Perit u d-Dipartiment responsabbli mid-drenaġġ. Għalhekk il-Kunsill qabel li sadanittant għandhom jibqgħu jitpoġġew mobile toilets biex in-nies ikunu jistgħu jibqgħu jinqdew nel frattemp. Il-Kunsillier JAE talab li jitwaħħlu sinjali li jindikaw li l-latrini kienu magħluqa minħabba li kien hemm xogħol għaddej.

8.3.12. Is-Sindku DSH ressqet ċirkolari maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali fejn ħabbru konferenza li ser tinżamm dwar well-being u sustainable development.

**Nota: 17:53 Il-Kunsillier VB talab li jkun skużat.**

8.3.12.1. Is-Sindku qalet li min jixtieq jattendi għandu jieħu ħsieb jinforma lill-uffiċċju amministrattiv sabiex jiġi reġistrat.

**Nota: 17:57 Il-Kunsillier VB reġa' attenda għal-laqgħa.**

8.3.13. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għan-Norwegian Grants Small Grants Scheme Funds u qalet li l-Kunsill kien qed jaħdem fuq l-applikazzjoni. Il-Kunsill approva li jissottometti l-applikazzjoni in vista tal-fondi offruti f'din l-iskema.

8.3.14. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali (Ċirkolari 19/2019 – DLG 16/2016) sabiex il-Kunsilli jaġġornaw is-sistema tal-live streaming bi speċifikazzjonijiet provduti. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-kuntrattur tiegħu sabiex tintalab il-kwotazzjoni neċessarja u jagħmel l-aġġornamenti meħtieġa.

8.3.15. Is-Sindku għamlet riferenza għall-fondi disponibbli mil-LESA. Hija pproponiet li jsiru l-Heritage Trail stands u comic maps. Il-Kunsill approva li tiġi sottomessa applikazzjoni għal dawn il-fondi a bażi taċ-Ċirkolari AKL 2019/056 Fondi għall-Inizjattivi Kulturali/Soċjali mill-fondi tal-LESA.

8.3.16. Is-Sindku ressqet talba minn resident ta' Triq San Franġisk biex titneħħa l-bollard minn quddiem il-blokka t'appartamenti fejn toqgħod hi minħabba li l-klieb qed iħammġu magħha. Hija ġabet ukoll karta mingħand ir-residenti kollha tal-blokka li jaċċettaw li din titneħħa. Il-Kunsill qabel li għandu l-ewwel jipprova sprejj ta' deterrent qabel ma jikkunsidra li titneħħa l-bollard u dan minħabba li l-bollard kienet saret għal raġuni u li t-tneħħija tagħha tista' toħloq preċedent.

8.3.17. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand l-Onor. Segretarju Parlamentari is-Sur Silvio Parnis fejn informa lill-Kunsill b'rapport li wasallu dwar skart li ma nħariġx fil-ġurnata tiegħu.

<u>**Nota: 18:00 Il-laqgħa ġiet sospiża.**</u>
<u>**18:03 Il-laqgħa tkompliet.**</u>

8.3.17.1. Is-Sindku qalet li l-uffiċjal tal-komunità ma jkunx il-ħin kollu fl-istess triq. Hija qalet li kienet bagħtet diversi emails lill-Ministeru tal-Ambjent dwar meta ser jibda' l-infurzar lokali mwiegħed sena ilu u t-tweġiba dejjem tkun li kienu qed jaħdmu fuq hekk. Il-Kunsill jitlob li dan l-infurzar jasal kemm jista' jkun malajr. Il-Kunsill qabel mat-tweġiba proposta mis-Sindku.

## 8.4 Rapporti

8.4.1. Il-Kunsillier VB informa lill-Kunsill li matul il-laqgħa tar-Reġjun Xlokk kien qajjem il-punt tal-ħamiem fejn kien informat li l-AKL kienet għadha qed taħdem fuq it-tender relattivi pubblikati.

8.4.2. Il-Kunsillier VB qal li matul l-istess laqgħa kien ġie diskuss it-tender kollettiv li kien ser isir fl-2022 għall-ġbir ta' skart. Huwa qal li r-Reġjun kien talab lill-kunsilli jressqu l-problemi li jkollhom bħal pereżempju kien hemm min issuġġerixxa li l-iskart organiku jinġabar filgħaxija minflok filgħodu. Fost is-suġġerimenti kien hemm iż-żieda ta' borża sewda oħra (DSH), li l-iscamel ikollu divider biex ikunu jistgħu jinġabru żewġ tipi ta' skart f'dawra waħda (VB), it-twaħħil ta' kontenitur li jilqa' l-likwidu li jaqa' mat-tagħsir tal-iskart (VB) u t-titjib fil-kwalità tal-borża tal-iskart organiku (DSH). Il-Kunsill qabel li għandu joħloq lista ta' suġġerimenti u proposti li titressaq lir-Reġjun Xlokk kif mitlub.

8.4.3. Il-Kunsillier VB qal li r-Reġjun Xlokk kien talab ukoll lista ta' kemm hemm households fil-lokalità u dan biex ikun jista' jitqassam token f'kull dar fil-lokalità. Il-Kunsill qabel li għandu jaħdem fuqha.

8.4.4. Il-Kunsillier VB qal li kienet ġiet diskussa wkoll il-materja tat-tniġġis ġenerat minn cruise liners fejn hu kien ressaq artikli li kienu ġew ippublikati u ssuġġerixxa li l-cruise liners ikollhom magna elettrika li tintuża ġewwa l-port. Huwa kien informat li kienet ġiet

mogħtija deadline sal-2020 biex il-cruise liners jiġu kollha ecofriendly. Huwa qal li kien ġibed ukoll l-attenzjoni tar-Reġjun Xlokk li ċertu Sur Schembri minn Paragon Europe kien involut fl-LCTP Project – Cruise Liners – Low Carbon Transport Plan, kien talab li jiltaqa' mas-Sindku dwar din il-materja iżda minn żewġ laqgħat ripetutament li ntalbu minnu stess baqa' ma tfaċċax.

8.4.5. Il-Kunsillier VB qal ukoll li kien hemm seminar fuq l-indafa fejn kien hemm tim minn Brussell li tkellmu dwar is-sistema ta' riċiklaġġ tagħhom, fejn anke jisseparaw il-ħġieġ skur minn dak ċar. Il-Kunsillier JAE qal li kien innota li f'Ruma kienu jingħataw flus lura meta jiġu ritornati l-fliexken lil tal-ħanut u jemmen li kienet idea tajba li setgħet tiġi implimentata b'suċċess anke lokalment.

8.4.6. Il-Kunsillier VB qal ukoll li kien ser isir reġistru tal-ħwienet mill-Gvern fejn kull negozju kien ser jiġi reġistrat.

8.4.7. Il-Kunsillier VB qal ukoll li waqt laqgħa tar-Reġjun Xlokk kien hemm student li qed jagħmel teżi fuq il-gvern lokali li talab laqgħa mas-Sindku. Is-Sindku qalet li kienet ġiet avviċinata dwar dan u kellha tiltaqa' miegħu l-għada.

## 8.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

8.5.1. Il-Kunsillier JAE staqsa dwar il-kunċert tar-Radio Italia li kien ser jinżamm dik il-ġimgħa u qal li għalkemm kien talab li l-Kunsill ikollu notifika tat-toroq li ser jingħalqu, il-Kunsill kien reġa' ma ġiex mgħarraf b'dan. Huwa qal li l-Kunsill dejjem jagħmel mill-aħjar biex jipprova jwieġeb u jgħin lir-residenti iżda sfortunatament dejjem idum ma jingħata risposta jew inkella ma jkunx mgħarraf biżżejjed biex ikun jista' jipprovdi l-informazzjoni mitluba mir-resident. Is-Sindku qalet li ssoltu l-Kunsill kien jiġi kkupjat f'kull korrispondenza relatata ma' dan iżda din id-darba ma kienx. Hija qalet li l-għada stess kienet ser tikkomunika mal-MTA sabiex il-Kunsill ikun mgħarraf b'liema toroq se jingħalqu.

8.5.1.1. Il-Kunsillier VB staqsa għalfejn il-vetturi ma kienux tħallew jipparkjaw fi Triq San Publju minn dakinhar stess meta kien għad fadal jumejn għall-kunċert.

8.5.1.2. Il-Kunsillier JAE qal li kemm il-Kunsill kif ukoll l-Awtorità tat-Turiżmu kienu entitajiet governattivi u għalhekk kien hemm bżonn li jkun hemm iktar ko-operazzjoni biex il-Kunsill ma jiġix f'sitwazzjonijiet fejn ma jkunx jista' jwieġeb lir-resident. Huwa qal li kienet inaċċettabli li tinstab iktar koperazzjoni mill-privat milli minn entitajiet pubbliċi.

8.5.1.3. Is-Sindku DSH qalet li s-sena d-dieħla, għandu jkun hemm iktar diskussjonijiet u dan biex ma jkunx hemm inġustizzji fuq ir-residenti.

8.5.1.4. Il-Kunsillier JAE ġibed l-attenzjoni wkoll għall-fatt li qed ikun hemm provi tal-mużika fil-ħinijiet ta' waranofsinhar. Huwa qal li jrid jinstab bilanċ sabiex ma jkunx hemm inkonvenjent għar-residenti.

8.5.1.5. Is-Sindku qalet li għalkemm kien hemm titjib fil-ħinijiet aktar raġonevoli, xorta waħda temmen li ċertu aspetti tar-residenti għandhom jiġu aġevolati.

8.5.2. Il-Kunsillier JAE staqsa x'jista' jsir biex il-masġar ta' maġenb l-iSptar Sir Paul Boffa jibda' jitnaddaf iktar regolari. Huwa qal li matul l-attività tal-Clean Up organizzata mill-Kunsill kienu nġabru tlettax-il borża skart u kien hemm anke siringi u materjal goff ieħor. Huwa staqsa ta' min kienet ir-responsabbiltà. Is-Sindku qalet li dan il-masġar kien jaqa' taħt l-ELC u għalhekk il-Kunsill qabel li jitkellem magħhom dwar dan. F'każ li ma jkunx hemm ftehim il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-Onor. Segretarju Parlamentari Dr Deo Debattista li hu responsabbli għall-indafa pubblika.

8.5.3. Is-Sindku DSH ressqet talba mingħand il-Floriana FC fejn ipproponew li l-Kunsill jieħu ritratt flimkien ma' xi wħud mill-plejers għal kalendarju li ser jagħmlu flimkien mal-komunitajiet. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' magħhom nhar l-Erbgħa 16 t'Ottubru 2019.

8.5.4. Il-Kunsilliera JP ressqet ilment rigward drenaġġ li qed joħroġ mis-subway fi Triq Sant'Anna. Is-SE nformat li l-Kunsill kien irrapporta dan l-ilment kemm-il darba iżda s'issa kien għadu ma sar xejn.

8.5.5. Il-Kunsilliera JP staqsiet meta ser isir it-tindif tal-ispralli. Is-Sindku qalet li l-kuntrattur kellu jiġi dakinhar iżda minħabba l-għeluq tat-toroq kienet talbitu biex jitnaddfu s-Sibt li ġej.

## 8.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

8.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 8.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

8.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 04/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

8.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier VB u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

8.7.2. Is-Sindku DSH ippreżentat lista ta' pagamenti ta' petty cash li nħarġu matul ix-xahar ta' Ġunju, li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

8.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier VB u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet indikati fil-lista ta' petty cash imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 8.8 Mozzjonijiet

8.8.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

## 8.9 OFFERTI

8.9.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għas-sejħa għall-offerti għal Contracts Manager fejn qalet li d-dokumenti kollha għandhom jintbagħtu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali hekk kif jiġi nominat il-Bord tal-Aġġudikazzjoni. Il-Kunsill qabel li l-membri tal-Bord għandhom ikunu il-Kunsillieri VB, JP u JAE filwaqt li c-Chairperson għandha tkun is-Sindku DSH u s-SE MLL tkun is-Segretarju tal-Bord.

8.9.2. Is-Sindku għamlet riferenza għas-sejħa għall-offerti tal-Urban Greening u qalet li l-Kunsill kien ser jiltaqa' mal-kuntrattur l-għada sabiex jibda' x-xogħol.

8.9.3. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza sabiex tiġġedded il-liċenzja tas-SAGE. Il-Kunsill qabel li terġa' tiġġedded u qabel ukoll li l-pagament għandu joħroġ b'urġenza u dan sabiex l-uffiċċju amministrattiv ikun jista' jkompli jaħdem.

8.9.4. Is-Sindku għamlet riferenza għas-sejħa għall-offerti għas-sistema tal-elettriku fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V Hija qalet ukoll li għandu jiġi nominat il-Bord tal-Aġġudikazzjoni. Il-Kunsill qabel li l-membri tal-Bord għandhom ikunu il-Kunsillieri VB, JP u JAE filwaqt li c-Chairperson għandha tkun is-Sindku DSH filwaqt li s-SE MLL tkun is-Segretarju tal-Bord. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jiġi nominat espert għal fuq il-Bord tal-Aġġudikazzjoni u li jingħata vot. Il-Bord qabel mal-espert li kien imsemmi.

8.9.5. Is-Sindku għamlet riferenza għall-emergency lights li kienu ġew mibdula riċentement. Hija qalet li dawn id-dwal kellhom jitbiddlu b'urġenza minħabba li kien hemm ħsarat f'uħud minnhom u ma kienux val la pena li jissewwew.

## 8.10 KORRISPONDENZA

### 8.10.1. TALBA GĦALL-AKKUMULAZZJONI TA' VACATION LEAVE MINN IMPJEGAT

Is-Sindku DSH ressqet talba minn impjegat sabiex jiġu akkumulati erbgħin siegħa leave għas-sena ta' wara. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

### 8.10.2. TALBA GĦALL-AKKUMULAZZJONI TA' VACATION LEAVE MIS-SE

Is-Sindku DSH ressqet talba mis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiġu akkumulati mija u erbatax-il siegħa vacation leave għas-sena 2020. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

### 8.10.3. ĦATRA TA' DEPUTAT SE

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li minħabba li s-SE ma kienitx ser tkun disponibbli, kien ser jinħatar Deputat SE mid-9 t'Ottubru 2019 sa ma tirritorna lura s-SE. Id-Direttur tal-Gvern Lokali (Moniteraġġ u Sapport) ġie nfurmat b'dan formalment.

8.10.4. **KORRISPONDENZA MINN CORRECT TERMINATION LTD.**

Is-Sindku DSH ressqet offerta mingħand Correct Termination Ltd. għal aġġornament in parti tas-sistema ta' live streaming. Il-Kunsill qabel li in viżta taċ-ċirkolari mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għandu jitlob kwotazzjoni sħiħa għall-aġġornament komplut tas-sistema hekk kif stipulat fiċ-ċirkolari 19/2019 –DLG 16/2016.

8.10.5. **TALBA GĦAL PARKEĠĠ RISERVAT QUDDIEM L-ISKOLA PRIMARJA**

Is-Sindku ressqet talba mis-Surmast tal-iSkola Primarja li talab parkeġġ riservat quddiem l-iskola minħabba li kien qed isib problema ta' parkeġġ meta jirritorna lura mil-laqgħat li jkollu matul il-jum. Il-Kunsill ma laqax it-talba u dan minħabba li tali spazju ta' parkeġġ ma kienx permess skont il-linji gwida ta' Transport Malta Operating Procedures – Permanent Traffic Management Policies & Guidelines (Article 5.7.8.2).

8.10.6. **LOCAL INTERGRATION CHARTER**

Is-Sindku ressqet korrispondenza rigward il-Local Integration Charter fejn informaw lill-Kunsill b'working groups li qed jinżammu favur l-integrazzjoni. Il-Kunsill qabel li għandu jiċċirkola din il-korrispondenza lill-Viċi Sindku GD li hija l-kunsilliera responsabbli mill-integrazzjoni.

8.10.7. **TALBA MILL-GWU**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-GWU fejn talbu laqgħa mal-Kunsill biex jiġu diskussi xi suġġerimenti rigward il-monti inkluż tabelli, iktar infurzar u lista ta' nies li jarmaw fuq il-monti. Is-Sindku DSH qalet li tali suġġerimenti kienu a spejjeż tal-Kunsill meta l-Kunsill ma kellu l-ebda dħul mill-monti. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' magħhom u jara x' qed jissuġġerixxu.

8.10.8. **TALBA MINGĦAND REGIONAL DEVELOPMENT AGENCY - LEAP**

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand Regional Development Agency – LEAP fejn talbu li jorganizzaw attività għall-familja nhar l-1 ta' Novembru 2019 fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni iżda qabel li għandu jinformahom li dalwaqt kien ser jinbeda x-xogħol f'dak il-ġnien u jissuġġerixxi li minflok ikun jista' jiġi kunsidrat Ġnien Sir Luigi Preziosi għal din l-attività jekk jaqblu. Il-Kunsill qabel ukoll li l-logo tiegħu jkun fuq il-flyer.

8.10.9. **PROĠETT MINN GRUPP TA' STUDENTI – STELLA MARIS COLLEGE**

Is-Sindku ressqet korrispondenza minn Stella Maris College fejn grupp ta' studenti kien ser jagħmel proġett fuq il-mekkaniżmu ta' raddiena ta' nar tal-art żgħira. Il-Kunsill qabel li għandhom jieħdu sehem fil-Festival tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat tas-sena d-dieħla.

## 8.11 ATTIVITAJIET TAL-MILIED

8.11.1. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand grupp ta' voluntiera li qed jaħdmu ma' Right to Smile fejn ser jorganizzaw numru ta' fundraising events. Huma talbu biex juru film fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni iżda qabel li għandu jinformaha li ser jinbeda' x-xogħol dalwaqt u għalhekk qabel li għandu jissuġġerixxi Ġnien Vilhena li jkun perfett għal tali attività. Il-Kunsill qabel li għandu joffri biss l-użu tal-ġnien u l-provvista tal-elettriku għal tali attività.

8.11.2. Is-Sindku ressqet talba minn Annabelle Schembri għal Christmas bazaar bħala fundraising b'risq it-tfal foqra tal-Kambodja. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jissuġġerixxi li din l-attività ssir fi Ġnien il-Mall. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jinformahom li għandhom jinġiebu l-permessi neċessarji mill-entitajiet kompetenti.

8.11.3. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-grupp li s-sena l-oħra offra Christmas Caroling fil-Floriana. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' magħhom nhar is-17 t'Ottubru 2019.

8.11.4. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand Karl Borg Events fejn talbu li jagħmlu attività fiż-żona ta' parkeġġ tal-Floriana FC. Il-Kunsill innota li din iz-zona m'hiex responsabbiltà tal-Kunsill iżda nnota li din toħloq inkonvenjent lir-residenti. Il-Kunsill intant ser jiltaqa' mal-Assistent Kummissarju biex jiddiskuti din it-talba.

## 8.12 ĠENNA TA' ĠONNA

8.12.1. Is-Sindku DSH qalet li l-Kunsill kien qed jaħdem fuq il-programm. Il-Kunsillier JAE qal li l-programm għandu jiġi ċirkolat appena tkun lesta l-mappa.

8.12.2. Is-Sindku qalet li kienet ser tinżamm konferenza stampa nhar it-8 t'Ottubru 2019 fis-2pm maġenb Ġnien il-Mistrieħ sabiex tingħata promozzjoni lil dan il-ġnien. Għal din il-konferenza stampa kienu ġew mistiedna l-Onor. Segretarju Parlamentari Silvio Parnis, l-Onor. Segretarju Parlamentari Deo Debattista u l-Onor. Membru Parlamentari Robert Cutajar. Is-Sindku ħeġġet lill-kunsilliera sabiex jattendu.

8.12.3. Is-Sindku DSH qalet li kienu kkonfermaw l-attendenza tagħhom żewġ rappreżentanti mill-Kunsill ta' Wieden fil-Ġermanja. Hija qalet li l-Kunsill kien irnexxielu jġib sponsor mingħand lukanda lokali għall-akkomodazzjoni tagħhom. Hija qalet ukoll li l-Kunsill kien għadu qed jistenna konferma dwar jekk kienitx ser tattendi d-delegazzjoni minn Macerata.

8.12.4. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand kuntrattur li kien jieħu ħsieb il-kontroll tal-popolazzjoni tal-ħamiem fejn staqsa jekk il-Kunsill kienx ser jerġa' jagħmel użu mis-servizz tiegħu. Il-Kunsillier JAE qal li kellu lmenti minn residenti fi Triq Sant'Anna li kienu qed jidħlulhom il-ħamiem ġewwa. Il-Kunsill qabel li għandu jara fejn jista' jagħmel it-trabokki fl-inħawi ta' Triq il-Kapuċċini.

## 8.13 PROĠETT TAL-ĠNIEN RE GEORGE V

8.13.1. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li s-sejħa għall-offerti għas-sistema tal-elettriku fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V jinsab ippublikat u kien ser jagħlaq dalwaqt.

8.13.2. Is-Sindku nformat li t-tender tas-Civil works kien ser jibda' hekk kif issir laqgħa bejn il-Perit, il-kuntrattur u l-inġinier.

## 8.14 FESTIVAL TAN-NAR TAL-ART MEKKANIZZAT 2020

8.14.1. Is-Sindku għamlet riferenza għat-tapit tan-nar li ser jiġi organizzat f'edizzjonijiet futura u li jittella' mir-rebbieħ tal-edizzjoni preċedenti, li din is-sena ser issir mill-Kamra tan-Nar ta' San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ.

8.14.2. Is-SE ppproponiet li tintalab kwotazzjoni b'baġit ta' €2000 u oħra b'baġit ta' €3000. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 8.15 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.

8.15.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.20pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-Kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 30 t'Ottubru 2019 fil-5.00pm.

**Konfermati, llum 30 t' Ottubru 2019.**

***firmati***
Davina Sammut Hili
Sindku

***firmati***
M'Lourdes Lautier
Segretarju Eżekuttiv